MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 374/2005

Kawza fil-lista: 13

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet izzewwgu fit-22 ta’ Gunju 1996, gewwa l-Knisja ta’ St. Patricks, Tas-Sliema, kif jirrizulta mill-estratt tal-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A, u

Premess illi l-komparenti ghandhom zewgt itfal, u cioe’, **D** li twieldet fid-29 ta’ Settembru 1989 u **E** li twieldet fl-1 ta’

Mejju 2004, u konsegwentement ghalhekk illum ghadhom minuri.

Premess illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, u

Premess illi oltre dan, l-kunsenstal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Premess illi xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma kienetx interdetta jew marida b’ mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Peress illi oltre dan, xi wahda mill-partijiet rabtet il-kunsens taghha ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur, ai termini tal-Artikolu 19(1)(g) tal- tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m’ ghandhiex taqta’ u tiddeciedi billi :

Tiddikjara z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti ccelebrat fit-22 ta’ Gunju 1996, gewwa l-Knisja ta’ St. Patricks, Tas-Sliema, null u bla effett, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa’ kontumaci;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-22 ta’ Gunju 1996 stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f][g] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-22 ta’ Gunju 1996, meta allura l-attur kellu kwazi 26 sena u l-konvenuta kellha kwazi 29 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa erba snin. Sena wara z-zwieg, l-attur addotta t-tifla tal-konvenuta, li kienet twieldet fid-29 ta’ Settembru 1989, minn zwieg precedenti taghha, liema zwieg kien gie dikjarat null mit-Tribunal Ekklesjastiku fit-30 ta’ Awissu 1995 b’ tort lil zewgha ta’ dak iz-zmien. Fl-1 ta’ April 2004 il-partijiet kellhom tifla; izda fis-sena sussegwenti cioe’ 2005 huma sseparaw de facto wara konvivenza matrimonjali ta’ circa disa’ [9] snin.

Illi jirrizulta wkoll li fl-ewwel snin ta’ zwieg ma kienx hemm problemi matrimonjali relevanti,  tant li fl-affidavit tieghu l-attur jghid ghall-ewwel erba [4] snin iz-zwieg kien wiehed hieni[1]. Dan huwa wkoll konfermat mill-konvenuta fid-deposizzjoni tagha fejn tghid li sas-sena 2002 ir-relazzjoni bejniethom, kemm emozjonali kif ukoll fizika, “kienet tajba.”[2] u li r-relazzjoni intima bejniethom kienet “normali.” Jidher li l-inwkiet beda wara xi zmien li l-attur sab impieg

[1] Fol.24
[2] Fol.64

tajjeb, izda li kien jehtieglu li jghamel perijodu twal barra minn Malta, bir-rizultat li, fi kliem il-konvenuta "ir-relazzjoni taghna spiccat fix-xejn." ghax il-partijiet kienu qedin jghixu separatament il-parti kbira tas-sena. B' dan kollu fl-1 ta' Mejju 2004 twieldet it-tifla komuni taghhom.

Il-partijiet jaqblu li l-attur minn qabel iz-zwieg kien jesprimi x-xewqa li, jekk tigieh l-opportunita' huwa jmur jahdem barra; u l-konvenuta kienet accettat din ix-xewqa tieghu, u kienet ukoll inkorraggietu. Dan it-tip ta' xoghol, kien tfisser ghall-partijiet aktar gid finanzjarju u opportunita' ta' safar. In fatti l-attur fix-xhieda tieghu jghid li meta hu jkun Malta, il-koppja tkun on vacation mode. Fi kliemu "Immuvjajna n-Naxxar go dar kbira, kollox branded, xalar estrem kull meta nigi Malta, restaurants, safar, Disyneland Paris, dawn daru d-dinja mieghi, daru l-Italja, ic-Cina u tnax il-pajjiz."[3]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

[1] *discretio judicii* – Illi l-ewwel kawzali hija bazata fuq id-dispost kollu tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat li jikkontempla l-*capita nullitatis* ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirjiet tal-hajja matrimonjali, kif ukoll l-ezistenza ta' anomalija serja li kienet taghmel impossibbli l-qadi tal-obbligazzjonijiet matrimonjali essenzjali.

In propositu l-Qorti tosserva li din il-kawzali ampjament ma treggix la fil-konfront ta' l-attur u lanqas fil-konfront tal-konvenuta, li damu jikkonvivu disa snin li fl-ewwel hames snin minnhom ma kienx hemm problemi relevanti, u z-zewg partijiet kienu jaqdu l-obbligazzjonijiet matrimonjali lejn xulxin u lejn t-tifla taghhom. Tant li ghall-ewwel hames snin taz-zwieg il-hajja matrimonjali kienet, fi kliem il-partijiet, "hienja" u "normali". Il-fatti provati emergenti mill-provi jinnewtralizzaw din il-kawzali.

[2] *Is-simulazzjoni* – Illi anke din il-kawzali ma tirrizultax b' mod lampanti. Mill-provi jirrizulta car li z-zewg partijiet riedu jizzewwgu u jghixu flimkien il-hajja matrimonjali, u

[3] Fol.40

ma hemm xejn x' jindika li xi parti jew ohra ssimulat il-kunsens taghha.

Illi fid-deposizzjoni tieghu l-attur li "Ma kontx preparat ghaz-zwieg … ma kontx pjanat illi nizzewweg mara li kienet diga' mizzewga b' tifla" u jghid li kieku ma kienitx ghat-tifla tal-konvenuta huwa ma kienx jizzewweg lill-konvenuta; fi kliemu "Definitely not."[4]

Il-Qorti tikkunsidera din l-allegazzjoni bhala inveritiera ghall-ahhar, kemm fuq bazi ta' inverosimiljanza, kif ukoll ghax tinsab kontradetta mill-kontenut ta' l-affidavit ta' l-istess attur fejn jghid hekk: "Hekk kif hadet l-annullament hassejt li fl-ahhar ir-relazzjoni taghna setghet tiehu xejra trankwilla …. b' hekk possibilment setghet tkun legalment il-mara tieghi…. Hassejt li l-annullament gab mieghu bhal sens ta' liberazzjoni, tant li d-diskors fuq possibbli zwieg bejnietna kien kwazi mistenni. Id-decizjoni li nizzewwgu kienet bhal reazzjoni spontanja u istintiva, daqs li kieku konna zewg ghasafar maghluqin f' gagga.[5] Minn danil-parti ta' l-affidavit johrog car ghal din il-Qorti li l-attur izzewweg lill-konvenut mhux minhabba l-affezzjoni li kellu ghat-tifla taghha, izda ghax kien ihobb lill-konvenuta u ried jizzewweg lill-konvenuta biex tkun "il-mara tieghi minghajr l-ebda habi minn kulhadd". L-affezzjoni li l-attur kellu u ghandu lejn it-tifla tal-konvenuta u li huwa addotta wara sena zwieg, ma timmilitax kontra din il-konkluzjoni, stante li tista' u ghandha tikkoezisti ma' l-imhabba li kellu lejn il-konvenuta tant li ried jghix il-hajja matrimonjali maghha. Id-disa snin konvivenza matrimonjali, u b' mod partikolari l-ewwel snin taghha, taghti konfort lil din il-konkluzjoni.

Ghalhekk il-Qorti hija ferma fil-konvizjoni taghha li ma kienx hemm ebda simulazzjoni fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, la minn parti u lanqas minn ohra; u tinterpreta din il-kawzali bhala tentattiv fjakk da parti ta' l-attur biex jottjeni dak li mhux gustifikat ghalih fil-ligi.

---

[4] Fol.45
[5] Fol.22 – sottolinear tal-Qorti

[3] *Setgha jew rieda intellettwali* – Illi t-tielet kawzali hija fis-sens li “xi wahda mill-partijiet” kienet affetta minn nuqqas ta’ setgha jew rieda ntelletwali bizzejjed bien jinholoq il-kunsens matrimonjali, fit-termini tal-paragrafu [h]. Din il-Qorti sincerament ma tarax kif, anke bi sforz enormi ta’ l-immaginazzjoni, din il-kawzali jista’ jgi sostnut fil-kaz odjern. Mill-provi jirrizulta car li l-partijiet riedu jizzewwgu u kienu ferm konxji ta’ dak li kienu qed jghamlu fil-mument tal-ghoti tal-kunsens. Tant hu hekk li ghixu l-hajja matrimonjali felici ghal certu numru ta’ snin,u wara disa’ snin fl-1 ta’ Mejju 2004 taz-zwieg kellhom tarbija.

[4] *Kundizzjoni ghal futur* – Illi din il-kawzali hija bazata fuq id-dispost tal-paragru [g] li jikkontempla l-*caput nullitatis* fejn xi wahda mill-partijiet tkun rabtet il-kunsens matrimonjali ma’ kundizzjoni li tirriferi ghall-futur.

Illi jidher li din il-kawzali hija bazata fuq l-allegazzjoni ta’ l-attur, li dana minn qabel iz-zwieg kien ghamilha cara li ried jahdem barra minn Malta jekk ikollu l-opportunita’. Fid-deposizzjoni tieghu jghid li qabel iz-zwieg “ghamiltha very clear li jiena nixtieq nohrog barra minn Malta biex nahdem barra minn Malta” u l-konvenuta kienet qablet mieghu “anzi she encouraged me …. dejjem qabblet mieghi….. Qatt ma kien hemm, qatt ma qablitx mieghi, dejjm kienet fi ftehim mieghi”[6]

Mill-premess jirrizulta car li z-zwieg ma kienx soggett ghal xi kondizzjoni futura. L-attur ma ssoggettax il-validita’ taz-zwieg tieghu ghal xi kundizzjoni li tavvera ruhha fil-futura; imma semplicement esprima x-xewqa kbira li kellu mal-konvenuta, <u>qabel</u> iz-zwieg, u din accettat anzi nkorraggietu. It-tnejn kienu konkordi, u di piu’ qabel ma l-attur sab l-opportunita’ biex jahdem barra, huma ghixu l-hajjha matrimonjali normali ghal circa hames snin.

Il-Qorti tosserva wkoll li l-fatt li l-attur kien ghamel dan il-hsieb car lill-konvenuta qabel iz-zwieg, juri [1] grad ta’ maturita’ gholi da tieghu f’ dak iz-zmien; [2] l-onesta tieghu fil-konfront tal-konvenuta; u [3] li, kif qal huh fl-affidavit

[6] Fol.38

tieghu,l-attur kien bniedem li jikkalkola kollox. Dan jimmilita' kontra l-ewwel, it-tieni u t-tielet kawzali, maghmula fil-konfront tieghu nnifsu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhijex sostnuta mill-provi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kollha jibqghu a kariku tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------